# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 93/2024 BS**

**Jane Dingli**

**-vs-**

**Anthony Dingli, Edith Camilleri, Ruth Xerri, Ronald Dingli, Monica Bigeni, Marlene Mifsud, u l-Avv. Dr. Daniel Calleja li b'digriet tal-5 ta' Novembru, 2024 ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrapreżenta lill-imsiefrin Frank Dingli Haber u Esther Dingli Azzopardi;[1] u b'digriet tal-14 ta' Novembru, 2024 ġiet nominata Edith Camilleri minflok l-Avv. Dr. Daniel Calleja[2]**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Jane Dingli li ppremettiet:**

I. *Illi permezz tas-sentenza ta' separazzjoni personali fl-ismijiet Joseph Dingli vs Jane Dingli deċiża tal-ħdax (11) ta' Jannar elfejn u sitta (2006),*

[1] Digriet a fol 20.
[2] Digriet a fol 28.

*il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn Joseph Dingli u l-esponenti Jane Dingli.*

II. *Illi l-imsemmi Joseph Dingli miet fit-tlettax (13) ta' Lulju elfejn tnejn u għoxrin (2022) (kopja taċ-ċertifikat tal-mewt annessa bħala Dok. A). Illi wara li saru r-riċerki testamentarji kemm fir-Reġistru Pubbliku u kemm fil-Qorti (kopji tar-riċerki testamentarji qed jiġu annessi bħala Dok. B u Dok. Ċ) irriżulta li huwa rregola s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani datat wieħed u għoxrin (21) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) (kopja annessa bħala Dok. D).*

III. *Illi in forza tat-testment tiegħu huwa nnomina bħala eredi universali tiegħu lill ħutu Gianni, Carmelo u Anthony, aħwa Dingli, fi kwoti ugwali u indiviżi bejniethom, bid-dritt tas-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom f'kas ta' premorjenza għat-testatur u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom fin-nuqqas. Illi Gianni u Carmelo, aħwa Dingli, kienu ġia mietu u għalhekk wirtuh uliedhom il-konvenuti u l-konvenut Anthony Dingli.*

IV. *Illi l-attriċi u l-mejjet Joseph Dingli kienu jgħammru flimkien fid-dar matrimonjali u ċioe' 'Dingliville', Triq Kavallier Lorenzo Zammit Haber, Xewkija, Għawdex minn meta żżewġu sad-data tal-mewt tiegħu.*

V. *Illi wara li miet Joseph Dingli, u l-attriċi kienet se tibda' tagħmel l-arranġamenti sabiex issir id-Dikjarazjzoni ta' Trasferimenti Causa Mortis, hija saret taf li teżisti s-sentenza ta' separazzjoni fuq imsemmija fl-ismijiet Joseph Dingli vs Jane Dingli deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja fil-ħdax (11) ta' Jannar elfejn u sitta (2006). Illi hija ma' kienitx taf dwar din il-kawża ta' separazzjoni, u relattiva deċiżjoni, u qatt ma' ġiet involuta fiha.*

VI. *Illi effettivament kemm meta ngħatat id-deċiżjoni kif ukoll sussegwentement, u sal-mewt ta' Joseph Dingli, hija u Joseph Dingli baqgħu dejjem jgħixu fid-dar flimkien bħala miżżewġin.*

VII. *Illi sussegwentement, wara li ġiet ippreżentata mill-attriċi odjerna l-kawża fl-ismijiet Jane Dingli vs Anthony Dingli, bin-numru 26/2023, u waqt li kienu qed isiru l-preparamenti neċessarji sabiex jiġu ppreżentati l-provi, l-esponenti ġiet a konoxxenza tal-fatt li minkejja li saru diversi*

*tentattivi mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja sabiex l-attriċi odjerna tiġi notifikata b'diversi atti waqt il-prosegwiment tal-imsemmija kawża fl-ismijiet Joseph Dingli vs Jane Dingli, u dan bi qbil tal-istess attur Joseph Dingli, l-esponenti qatt ma kienet qed tiġi notifikata personalment, għaliex l-istess Joseph Dingli, kien ad insaputa tal-attriċi odjerna, qed jiġi notifikat għan-nom tagħha, u huwa ma kienx qed jinformaha bl-atti li tkun qed tirċievi. Illi minkejja dan, u kif jirriżulta mill-atti proċesswali tal-kawża fl-ismijiet Joseph Dingli vs Jane Dingli, l-attriċi odjerna ġiet meqjusa notifikata mill-Qorti, li ma nnotatx l-aġir qarrieqi da parti ta' Joseph Dingli.*

VIII. *Kif jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali tal-kawża fl-ismijiet Joseph Dingli vs Jane Dingli, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja pproċediet għas-sentenza wara li ħadet konjizzjoni tal-fatt li l-attriċi odjerna kienet ġiet regolarment notifikata diversi drabi.*

IX. *L-għemil ta' Joseph Dingli u n-nuqqas tiegħu li jħares u jwettaq il-ħtiġijiet proċedurali mandatroji, wassal għall-irregolarita' hawn fuq imsemmija, u bħala konsegwenza l-attriċi odjerna ma ngħatatx l-opportunita' illi tiddefendi ruħha fil-kawża ta' separazzjoni; dan b'nuqqas ta' tħaris tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u fondamentali għal smiegħ xieraq.*

X. *Illi l-esponenti hija tal-fehma li konsegwentement id-deċiżjoni ta' separazzjoni fuq imsemmija hija nulla, invalida u mingħajr ebda effett, u għaldaqstant jeħtieġ li tiġi mħassra. Għalhekk hija qed tipproċedi b'din il-kawża.*

XI. *Illi dawn il-fatti qed jiġu dikjarati minn Jane Dingli li għandha konoxxenza proprja tagħhom.*

**Talbet għalhekk lill din il-Qorti:**

1. *Tiddikjara li s-sentenza tas-separazzjoni personali tal-ħdax (11) ta' Jannar elfejn u sitta (2006) deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja (numru 8/2004) hija nulla, invalida u mingħajr effett u dan peress li diversi atti u digrieti ma' ġewx validament notifikati lilha;*

2. *Konsegwentement tħassar u tannulla l-istess sentenza.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Anthony Dingli et[3] li eċċepew:**

1. *Illi in linea preliminari, jiġi eċċepit illi t-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur odjern diġa jinkwadraw irwieħhom fil-mertu, mutatis mutandis, ta' proċeduri separati fl-istess ismijiet premessi, fil-kawża bir-referenza 26/2023 BS, quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif presjeduta. Illi l-ewwel talba fil-kawża bir-referenza 26/2023 BS hija fis-sens illi s-sentenza ta' separazzjoni personali in kwistjoni għandha tiġi dikjarata illi m'għandha ebda effett kontra terzi, mentri fit-talbiet dedotti fir-rikors promotur odjern qed jiġi rikjest illi l-istess sentenza ta' separazzjoni personali tiġi dikjarata nulla, invalida u mingħajr effett (u għalhekk mhux biss fil-konfront ta' terzi, iżda anke bejn il-partijiet ex-konjuġi infushom). Għalhekk, it-talbiet kif dedotti fir-rikors de quo huma a priori improponibbli in vista tal-fatt illi huma kunfliġġenti għat-talba dedotta fil-proċeduri bir-referenza 26/2023 BS, u dana in vista tal-prinċipju legali electa una via non datur recursus ad alteram;*

2. *Illi wkoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi l-unika istitut fil-liġi nostrana illi wieħed jista jutilizza sabiex sentenza li llum-il ġurnata hija res judicata tiġi annullata huwa dak tar-ritrattazzjoni sanċit fl-Artikolu 811 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, jiġi eċċepit illi r-rikorrenti kellha tissodisfa r-rekwiżiti u ssegwi l-elementi rikjesti mill-liġi nostrana f'dan ir-rigward. Dan ir-rikorrenti m'għamlitux, u konsegwentement l-esponenti eċċipjenti jeċċepixxu illi r-rikors odjern huwa rritu u null;*

3. *Illi wkoll in linea preliminari u mingħajr prġudizzju għall-eċċezzjonijiet suesposti, skont l-Artikolu 814 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-talba għar-ritrattazzjoni għandha ssir quddiem il-qorti li tkun tat is-sentenza attakkata. Jiġi rilevat illi s-sentenza ta' separazzjoni personali in kwistjoni ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Ġurisdizzjoni Superjuri), Sezzjoni tal-Familja, mentri r-rikors odjern ġie ntavolat fil-Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Ġurisdizzjoni Superjuri), Sezzjoni ta'*

[3] Risposta a fol 29 sa 32.

*Ġurisdizzjoni Ġenerali. Konsegwentement l-esponenti eċċipjenti jeċċepixxu illi r-rikors odjern huwa irritu u null;*

4. *Illi wkoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet suesposti, l-esponenti eċċipjenti jeċċepixxu illi r-rikors odjern huwa irritu u null jekk kemm-il darba jirriżulta illi r-rikorrenti ma pprovdietx garanzija għall-ispejjeż skont l-artikolu 249 tal-Kap. 12 mal-preżentata tar-rikors odjern, u dan in vista ta' dak rikjest fl-Artikolu 815 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi wkoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet suesposti, l-esponenti eċċipjenti jeċċepixxu illi r-rikors odjern huwa irritu u null u dan stante illi ma ġewx identikati r-raġunijiet għar-ritrattazzjoni fil-kliem li huma miġjuba fl-Artikolu 811, u d-dispożizzjonijiet tal-istess Artikolu li jgħoddu għal dawk ir-raġunijiet, u dan ai termini tal-Artikolu 816 tal-Kap. 12;*

6. *Illi wkoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet suesposti, l-esponenti eċċipjenti jeċċepixxu illi l-azzjoni odjerna hija perenta bil-mogħdija taż-żmien. Dan in vista tal-fatt illi s-sentenza li qed tiġi attakkata mir-rikorrenti hija sentenza deċiża fl-2006 u li hija res judicata, mentri ai termini tal-Artikolu 818(2) tal-Kap. 12, ma' tista tintalab f'ebda każ ritrattazzjoni wara li jgħaddu ħames (5) snin minn meta tkun ingħatat l-ewwel sentenza. Ai termini tal-Artikolu 819(1) tal-Kap. 12, dan iż-żmien huwa wieħed ta' natura perentorja;*

7. *Illi fi kwalunkwe' każ, wkoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni suesposta, lanqas jekk ir-rikorrenti tallega illi għandu japplika l-perjodu ta' tliet (3) xhur imsemmi fl-Artikolu 818(1) tal-Kap. 12, l-azzjoni odjerna hija xorta waħda perenta bil-mogħdija taż-żmien għaliex ir-rikorrenti ilha ferm aktar minn tliet (3) xhur konoxxenti u saputa bis-sentenza in kwistjoni u/jew bil-qerq li qed jiġi allegat fir-rikors promotur de quo. Ai termini tal-Artikolu 819(1) tal-Kap. 12, dan iż-żmien huwa wieħed ta' natura perentorja;*

8. *Illi in ogni każ, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet kollha suesposti, jiġi eċċepit li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti fl-intier tagħhom;*

9. *Illi subordinatament, fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet kollha suesposti, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-*

*eċċipjenti huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt stante illi s-sentenza ċitata hija res judicata u qatt ma' ġiet appellata;*

10. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet kollha suesposti, l-allegazzjonijiet sollevati mill-attriċi fir-rikors de quo huma inveritieri u infondanti, u fi kwalunkwe' każ għandhom jiġu ppruvati sal-grad rikjest mil-liġi;*

11. *Illi fi kwalunkwe' każ, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet kollha suesposti, ai termini tal-Artikolu 820(1) tal-kap. 12, jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li għandha tħassar is-sentenza attakkata, il-kawża tiġi mismugħha mill-ġdid fil-mertu. Jiġi eċċepit illi legalment u fattwalment, dan iqiegħed lill-eċċipjenti f'impossibilita' stante illi Joseph Dingli llum-il ġurnata huwa defunt. Għalhekk, it-talbiet dedotti fir-rikors de quo għandhom jiġu respinti;*

12. *Illi fi kwalunkwe' każ, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet kollha suesposti, it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

13. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-każ.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti li tibqa' minn issa mħarrka għas-subizzjoni.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat promotur ossia: [**i**] iċ-ċertifikat tal-mewt numru 212/2022 dwar il-mewt ta' Giuseppe sive Joseph Dingli li seħħet nhar it-13 ta' Lulju, 2022,[4] u; [**ii**] ir-riċerka testamentarja dwar l-istess Giuseppe sive Joseph Dingli li tiċċertifika li ma' ħalla ebda testment sigriet iżda ħalla żewġ testmenti – numri GT/921/1988 u GT/1794/2003 – b'dak aħħari jidher li huwa t-testment tal-2003.[5]

**Rat** li fl-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2025 intlaqgħet talba tal-konvenuti għall-allegazzjoni tal-atti proċesswali tar-rikors numru 26/2023.[6]

---

[4] Ċertifikat a fol 6.
[5] Riċerka a fol 7 sa 12; testment tal-2003 a fol 13 u 14
[6] Verbal a fol 33 u 34.

**Rat** li fl-istess udjenza tal-15 ta' Jannar, 2025 intlaqgħet talba tal-attriċi għall-allegazzjoni tal-atti proċesswali tar-rikors numru 8/2004 deċiż fil-11 ta' Jannar, 2006.[7]

**Rat** li fl-istess udjenza tal-15 ta' Jannar, 2025 il-partijiet ilkoll qablu sabiex in vista tal-eċċezzjonijiet preliminari numri wieħed (1) sa sebgħa (7); il-kawża tgħaddi għad-deċiżjoni parzjali fuq l-istess eċċezzjonijiet, bil-fakolta' li jsiru noti tal-osservazzjonijiet dwarhom fil-mori. Il-kawża ġiet għalhekk differita għal-llum għad-deċiżjoni parzjali relattiva.[8]

**Rat** l-atti proċesswali tar-rikors numru 26/2023 BS fl-ismijiet ***Jane Dingli vs Anthony Dingli et*** li tħalla differit *sine die* nhar is-6 ta' Diċembru, 2024, kif ukoll dawk tar-rikors numru 8/2004 fl-ismijiet ***Joseph Dingli vs Jane Dingli*** li ġie deċiż fil-11 ta' Jannar, 2006 – ilkoll allegati mall-atti ta' din l-istanza.

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

## B. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

Bir-rikors tagħha, l-attriċi, wara li premettiet li bejnha u bejn id-defunt żewġha Joseph Dingli kienet ġiet pronunzjata deċiżjoni ta' separazzjoni personali, u dan fil-11 ta' Jannar, 2006 u mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, kompliet tippremetti li hija kienet injara mill-proċeduri li wasslu għat-tali pronunzjament tas-separazzjoni personali bejnha u bejn żewġha u dan stante raġġiri li tatribwixxi lid-defunt żewġha Joseph Dingli. Premettiet ulterjorment li hija saret biss taf b'tali deċiżjoni li ppronunzjat is-separazzjoni bejnha u bejn żewġha meta bdiet tħejji d-dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* relattiva għall-assi li kellu l-istess żewġha. Kompliet li matul imbagħad il-ġbir tal-provi f'kawża oħra li kienet

[7] Verbal a fol 33 u 34.
[8] Verbal a fol 33 u 34.

intavolat hi – dik numru 26/2023 BS – hija ġiet a konoxxenza tar-raġġiri attribwibbli lill-żewġha u li bihom żamm il-proċeduri ta' separazzjoni personali mistur. Talbet għalhekk dikjarazzjoni li s-sentenza ta' separazzjoni personali numru 8/2004 pronunzjata nhar il-11 ta' Jannar, 2006 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja hija nulla, invalida, u mingħajr effett stante li hija qatt ma' kienet notifikata bil-varji atti ġudizzjarji referibbli għalija. Konsegwentement, talbet it-tħassir u l-annullament tat-tali sentenza ta' separazzjoni personali.

Il-konvenuti, li huma lkoll familjari tad-defunt raġel tal-attriċi Joseph Dingli, laqgħu għat-talbiet attriċi billi, *inter alia*, issollevaw diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari lkoll mingħajr preġudizzju 'il waħda versu l-oħra. Tali eċċezzjonijiet preliminari huma dawk enumerati minn numru wieħed (1) san-numru sebgħa (7) fir-risposta ġuramentata tagħhom.

Din id-deċiżjoni preliminari titratta tali eċċezzjonijiet preliminari numri wieħed (1) sa sebgħa (7) sollevati mill-konvenuti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

*Dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti:*

Il-konvenuti hawn jeċċepixxu li in vista tar-rikors numru 26/2023 BS li kien intavolat mill-istess attriċi odjerna kontra l-istess konvenuti odjerni, u partikolarment l-ewwel (1) talba kontenuta fl-istess rikors li jgħidu li għandha minn dik mressqa bir-rikors *de quo*; għandu japplika l-prinċipju ta' *electa una via non datur recursus ad alteram*.

L-atti tat-tali rikors numru 26/2023 BS ġew debitament allegati ma' dawk tal-proċeduri odjerni.

Fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom il-konvenuti jgħidu li b'eżami komparattiv tat-talbiet kontenuti fir-rikors *de quo* u l-ewwel talba fir-rikors numru 26/2023 BS, jirriżulta li l-attriċi odjerna – li kif ingħad hija l-

istess attriċi fil-proċeduri numru 26/2023 BS – ressqet żewġ talbiet konfliġġenti għal xulxin.[9]

Il-Qorti tibda hawn sabiex tosserva li filwaqt li fil-proċeduri numru 26/2023 BS, u speċifikatament fl-ewwel talba mressqa minnha fl-istess, l-attriċi Jane Dingli talbet testwalment dikjarazzjoni *"li s-sentenza tas-separazzjoni personali tal-ħdax (11) ta' Jannar elfejn u sitta (2006) ma' għandha ebda effett kontra terzi"*; fl-ewwel talba tagħha fil-proċeduri odjerni talbet minflok dikjarazzjoni *"li s-sentenza tas-separazzjoni personali tal-ħdax (11) ta' Jannar elfejn u sitta (2006) deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja (numru 8/2004) hija nulla, invalida u mingħajr effett"*, per konsegwenza; *erga omnes* – allura anke fil-konfront tagħha u tad-defunt żewġha Joseph Dingli – u mhux biss fil-konfront ta' terzi.

Huwa għalhekk li din il-Qorti ma' tqisx tali talbiet bħala "kunfliġġenti" kif jidhru jinsistu l-konvenuti. Tqishom iżda bħala "konkorrenti" billi 'il waħda tolqot kemm dak li tolqot l-oħra iżda iżżid ukoll magħha.

Din il-Qorti tosserva wkoll li l-proċeduri relattivi għar-rikors numru 26/2023 BS kienu ġew differiti *sine die* f'udjenza tas-6 ta' Diċembru, 2024 wara talba tal-attriċi sabiex l-istess proċedimenti jistennew l-eżitu ta' dawk odjerni. Dan wara li ġie konstatat f'digriet ukoll tas-6 ta' Diċembru, 2024 mogħti fl-istess atti tar-rikors numru 26/2023 BS li *"ma hemm l-ebda dubju f'moħħ din il-Qorti li deċiżjoni rigward it-talba ta' nullita' tas-sentenza ta' separazzjoni* – dik mressqa bir-rikors odjern – *ser jkollha impatt dirett fuq it-talbiet illi hemm għall-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti"*.[10]

Huwa għalhekk li din il-Qorti tqies li aktar minn kwistjoni ta' *electa una via non datur recursus ad alteram*; il-kwistjoni hawn prevalenti hija ta' talba li saret wara oħra – bir-rikors odjern – li titlob aktar minn dak li kien intalab – għalmenu relattivament għal mertu in kwistjoni li jirrigwarda l-effett ta' deċiżjoni ta' separazzjoni personali – f'rikors li seħħ qabel, dak numru 26/2023 BS.

Dan billi l-ewwel rikors talab biss dikjarazzjoni li d-deċiżjoni ta' separazzjoni personali kkontestata m'għandu jkollha ebda effett kontra

[9] Ref.: para. 3, Parti III, tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti.
[10] Ref.: digriet tas-6 ta' Diċembru, 2024 u verbal tal-udjenza tal-istess data fl-atti tar-rikors numru 26/2023 BS.

terzi mentri t-tieni rikors – dan *de quo* – qiegħed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita assoluta ta' l-istess deċiżjoni.

Din il-Qorti tagħmel hawn referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar l-10 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet ***Tereza Farrugia et vs Giuseppe Camilleri et*** fejn ġie ritenut:

> *Kif jinghad fis-sentenza riportata a Vol XLIII pI p55, "il-principju tal-"Electa una via" li mhux miktub f'termini generali u pozittivi f'ebda ligi, sew antika sew gdida, gie mill-interpreti tad-Dritt Ruman affermat bhala konsegwenza ta' hafna testi partikulari, li kienu assumewh bhala regola ta' dak li kien gie dispost minnhom. Skond dawn l-istess testi differenti, dawk li nterpretaw l-istess Dritt Ruman holqu l-principju li **fil-konkors alternattiv ta' hafna azzjonijiet, l-ezercizzju ta' wahda minnhom tolqot u testingwi l-azzjonijiet l-ohra**."*
>
> [enfażi ta' din il-Qorti]

Applikat dan l-insenjament ġudizzjarju għal każ in mertu, din il-Qorti tafferma l-konvinċiment tagħha li f'dan il-każ odjern, aktar milli "konkors alternattiv ta' ħafna azzjonijiet", bir-rikors oderjn u dak bħalissa differit *sine die* numru 26/2023 BS hemm żewġ talbiet relattivi għal deċiżjoni ta' separazzjoni personali mogħtija nhar il-11 ta' Jannar, 2006 li huma konsegwenzjali, tant li ntlaqgħet talba għas-soprasessjoni tar-rikors numru 26/2023 BS. Hemm ukoll, iżda talbiet addizzjonali miġjuba fir-rikors numru 26/2023 BS li huma ndipendenti minn dawk miġjuba fir-rikors odjern.

Huwa għalhekk li din il-Qorti ma' tħossx li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti jistħoqqilha li tiġi milqugħa.

*Dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti, ikkunsidrata flimkien mas-sitt, u s-seba'-il eċċezzjoni relattivi għat-termini preskrittivi applikabbli sabiex tinġieb b'suċċess azzjoni bħal dik ittenta mill-attriċi:*

It-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti trid li sabiex issir kontestazzjoni ta' deċiżjoni ta' separazzjoni personali mogħtija lura fil-11 ta' Jannar, 2006, l-uniku rimedju disponibbli għall-attriċi kien dak tar-ritrattazzjoni.

Minn qari akkurat tat-talbiet atturi jirriżulta ċar li tali talbiet jippretendu li d-deċiżjoni mogħtija lura fl-2006 tiġi dikjarata nulla u bla effett stante nuqqas ta' notifiki neċessarji tal-atti ġudizzjarji li wasslu għal pronunzjament tagħha. Materja li tinkwadra ruħha perfettament fil-proviżjonijiet relattivi għar-ritrattazzjoni li jinsabu fl-Artikolu 811 *et seq* tal-Kap. 12, Liġijiet ta' Malta. Dan minkejja li fil-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2024, fl-atti proċesswali tar-rikors numru 26/2023, l-avukat difensur tal-attriċi vverbalizzata li din il-kawża odjerna *"ma hix kawża ta' ritrattazzjoni"*.

Oltre dan, l-ebda dispożizzjoni tal-liġi ordinarja nostrana ma tagħti lok li jitressaq rikors sabiex sentenza li tkun għaddiet in ġudikat tiġi dikjarata nulla u bla effett.[11]

Dan waqt li anqas ma' jinsabu ebda proviżjonijiet legali oħra li jgħatu xi rimedju tant straordinarju sabiex tiġi mpunjata sentenza li għaddiet in ġudikat jekk mhux bill-mezz tar-ritrattazzjoni.[12] Oltre dan, ġie ritenut li sentenza li ma' tiġix ritrattata ma' tistax tiġi attakkata bħala nulla u ssir irrevokabbli. Ingħad fil-fatt li sentenza li tkun għaddiet in ġudikat ma' tistax tiġi iżjed attakkata u ssir irrevokabbli.[13]

Huwa għalhekk li jingħad li ġaladarba deċiżjoni tgħaddi in ġudikat, l-uniku rimedju disponibbli lill xi parti nteressata sabiex timpunja l-istess huwa fil-fatt dak tar-ritratazzjoni jew, f'każi partikolari fejn ir-ritrattazzjoni ma' tkunx possibilita' għal parti nteressata; b'kawża Kostituzzjonali.[14]

Huwa ċar li din il-Qorti mhijiex Qorti Kostituzzjonali b'dan għalhekk li kunsiderazzjonijiet ta' natura Kostituzzjonali ma' jistgħux isiru minnha. Fattwalment, anqas kunsiderazzjonijiet rigward il-possibilita' ta' ritrattazzjoni m'għandhom issiru minn din il-Qorti u dan għal dak li ser jingħad hawn aktar l-isfel.

---

[11] Ref.: id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar id-19 ta' Ġunju, 2001 fl-ismijiet ***Salvina Bugeja vs Paola Azzopardi et***.

[12] Ref.: *"mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi"*, per Grazio Mercieca LL.D. parti 3-1-1: *ir-ritrattazzjoni hija mezz straordinarju ta' impunjazzjoni ta' sentenza li tkun għaddiet in ġudikat; u għalhekk normlament tista' issir biss wara li jkunu ġew eżawriti l-mezzi ta' impunjazzjoni ordinarji kollha u b'mod partikolari dak tal-appell. Huwa għalhekk biss eċċezzjonalment li jingħata dan ir-rimedju minn sentenza tal-prim'istanza, u ċjoe' meta l-parti tkun ġiet taf bi-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien tal-appell* – paġna 42.

[13] Ref.: deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' Marzu, 1991 fl-ismijiet ***Alfred Caruana vs Angelo Caruana et***.

[14] Ref.: deċizjoni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-31 ta' Mejju, 2002 fl-ismijiet ***Francis X. Aquilina vs l-Avukat Ġenerali et***.

Kif diġa' ingħad, l-artikoli konċernanti r-ritrattazzjoni huma l-Artikolu 811 *et seq* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili, Kap. 12, Liġijiet ta' Malta.

Fost dawn, l-Artikolu 812 jipprovdi kif isegwi:

> **812.** *Ir-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn qorti tal-ewwel grad, u li għaddiet f'ġudikat, tista' tingħata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien tal-appell.*

F'dan il-każ partikolari, ma' jirriżultax li d-deċiżjoni kkontestata ta' separazzjoni personali mogħtija nhar il-11 ta' Jannar, 2006 ġiet appellata. Infatti, l-atti proċesswali relattivi għalija u li ġew allegati ma' dawk odjerni jieqfu sas-sentenza in mertu.

Bir-rikors *de quo,* l-attriċi tilmenta li hija saret taf biss bis-sentenza ta' separazzjoni personali meta kienet qed tħejji d-dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* tal-assi tad-defunt żewġha Joseph Dingli.[15] Aktar tard l-istess attriċi tgħid li hija saret taf b'tali sentenza waqt li kienet qed tipprepara l-provi tagħha fil-kawża numru 26/2023 BS fl-istess ismijiet ta' din id-deċiżjoni odjerna.

Il-kawża numru 26/2023 BS ġiet intavolata nhar l-20 ta' Marzu, 2023[16] mentri Joseph Dingli miet nhar it-13 ta' Lulju, 2022.[17]

B'dan għalhekk li jekk għandha titwemmen l-attriċi li hija saret biss taf bid-deċiżjoni ta' separazzjoni personali bejnha u bejn żewġha f'dak iż-żmien; l-istess attriċi saret ċertament taf wara li kien għalaq iż-żmien tal-appell talvolta disponibbli għalija – tenut kont li d-deċiżjoni ta' separazzjoni personali ingħatat nhar il-11 ta' Jannar, 2006 bit-terminu tal-appell skada tletin (30) jum wara dakinhar.[18]

Jista' għalhekk jingħad li r-raġuni reklamata mill-attriċi bħala bażi għat-talba tagħha għal dikjarazzjoni ta' nullita assoluta tad-deċiżjoni ta'

---

[15] Ref.: premessa numru ħamsa (v) tar-rikors ġuramentat.
[16] Ref.: timbru tar-reġistru fl-ewwel fol tal-atti proċeswali tal-kawża 26/2023 BS.
[17] Ref.: ċertifikat tal-mewt tiegħu a fol 6 tal-atti proċesswali odjerni.
[18] Ref.: Artikolu 226, Kap. 12.

separazzjoni personali li kienet talvolta mogħtija bejnha u bejn żewġha fl-2006 – ossia n-nuqqas ta' notifika opportuna tal-atti ġudizzjarji relattivi – raġuni li tinkwadra ruħha tajjeb fl-Artikolu 811 tal-Kap. 12 li jnissel ir-raġunijiet li fuqhom parti li jkollha interess tista' titlob ir-ritrattazzjoni ta' sentenza wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza[19] - kienet fil-fatt skoperta mill-attriċi wara li għalaq iż-żmien effettiv tal-appell.

L-Artikolu 812 tal-Kap. 12 ma' jeskludix iżda l-applikazzjoni tal-Artikolu 818 li jipprovdi kif isegwi:

> **818.** *(1) Iż-żmien li fih tista' ssir it-talba għar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jgħodd –*
>
> > *(a) fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 811(a) u (k), mill-ġurnata li fiha jinkixef il-qerq, jew jinsab id-dokument;*
> >
> > *(b) fil-każ imsemmi fil-paragrafu (b), mill-ġurnata li fiha l-attur ikun ġie jaf bis-sentenza;*
> >
> > *(ċ) fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (j), jekk il-falsità tkun, fuq talba jew kwerela tal-istess attur, ġiet iddikjarata wara s-sentenza attakkata, mill-ġurnata ta' dik id-dikjarazzjoni, u jekk tkun ġiet iddikjarata wara dik is-sentenza, iżda fuq talba jew kwerela ta' ħaddieħor, jew jekk tkun ġiet iddikjarata qabel, mill-ġurnata li l-attur ikun ġie jaf b'dik id-dikjarazzjoni;*
> >
> > *(d) f'kull każ ieħor, minn dak in-nhar tas-sentenza attakkata.*
>
> *(2) Ma tista' tintalab f'ebda każ ritrattazzjoni wara li jgħaddu ħames snin minn meta tkun ingħatat l-ewwel sentenza.*

Kif diġa' ingħad, fil-każ odjern jirriżulta ċar li r-raġuni mogħtija mill-attriċi l-għaliex hija temmen li d-deċiżjoni ta' separazzjoni personali mogħtija lura fl-2006 għandha tkun dikjarata nulla hija n-nuqqas allegat minnha ta' notifika, referibbilment għal liema jkun il-paragrafu (b) tal-Artikolu 811 li japplika.[20] Madanakollu, u in partikolari fil-premessa numru sebgħa (vii) u dik numru disgħa (ix) tar-rikors ġuramentat *de quo* ta' l-attriċi; l-attriċi tidher ukoll tallega l-qerq tad-defunt żewġha Joseph

[19] Ref.: Artikolu 811(b): *jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża.*
[20] Ref.: l-ewwel (1) talba attriċi mressqa bir-rikros *de quo.*

Dingli, referibbilment għal liema jkun il-paragrafu (a) tal-Artikolu 811 li japplika.

Fit-tali każ, b'din il-Qorti tpoġġi biss ruħha fil-vesti ta' Qorti mitluba tiddeċiedi dwar l'istadju tar-ritrattazzjoni hekk imsejjaħ *in rescindente* b'mod akkademiku; it-termini referibbli sabiex issir azzjoni ta' ritrattazzjoni huwa ta' tlett xhur mill-ġurnata li fih inkixef il-qerq jew tlett xhur mill-ġurnata li fiha l-attriċi ġiet a konoxxenza tad-deċiżjoni impunjata.

Tali termini ta' tliet xhur, li huma perentorji ai termini tal-proviżjoni tas-subinċiż wieħed (1) ta' l-Artikolu 819 tal-Kap. 12,[21] jirriżulta li lkoll skadew irrimedjabilment meta jitqies li fuq dikjarazzjoni tal-attriċi stess, hija saret taf bis-sentenza ta' separazzjoni personali meta kienet qed tħejji d-dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* tal-assi tad-defunt żewġha Joseph Dingli[22] li miet nhar it-13 ta' Lulju, 2022[23] u, aktar tard, tgħid li hija saret taf b'tali sentenza waqt li kienet qed tipprepara l-provi tagħha fil-kawża numru 26/2023 BS fl-istess ismijiet ta' din id-deċiżjoni odjerna liema kawża ġiet intavolata nhar l-20 ta' Marzu, 2023.[24]

Meqjusa dawn id-dati u dik li fiha nbdiet l-azzjoni *de quo* li waslet għal din id-deċiżjoni tal-llum, liema azzjoni nbdiet nhar is-7 ta' Ottubru, 2024; jirriżulta li għaddew 'il fuq minn sentejn minn meta l-attriċi saret taf bid-deċiżjoni ta' separazzjoni personali bejnha u bejn żewġha sakemm mexxiet bl-istanza odjerna.

Li t-tlett xhur għaddew ukoll mindu l-attriċi saret taf b'potenzjali qerq ta' żewġha jirriżulta mill-fatt li diġa' fl-istadju tal-proċeduri numru 26/2023 BS, l-attriċi kellha konoxxenza ta' dak li ġara fil-proċeduri ta' separazzjoni personali deċiżi fl-2006 tant li fil-ħames (v) premessa tar-rikors ġuramentat numru 26/2023 BS titkellem dwar l-istess mentri fir-raba (4) paragrafu ta' nota li għamlet fl-atti tar-rikors numru 26/2023 BS[25] titkellem dwar neċessita ta' xhud sabiex *"jixhed dwar il-fatt li l-attriċi ma kienitx taf li kienu saru proċeduri ta' separazzjoni kontriha, u li l-istess Joseph Dingli kien qed jipprova jirrimedja s-sitwazzjoni"*.

---

[21] **819.** *(1) Iż-żmien imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan huwa perentorju.*
[22] Ref.: premessa numru ħamsa (v) tar-rikors ġuramentat.
[23] Ref.: ċertifikat tal-mewt tiegħu a fol 6 tal-atti proċesswali odjerni.
[24] Ref.: timbru tar-reġistru fl-ewwel fol tal-atti proċesswali tal-kawża 26/2023 BS.
[25] Ref.: nota a fol 49 tal-atti proċesswali tar-rikors numru 26/2023 BS.

Tali nota saret fis-26 ta' Ġunju, 2023, in eċċess ta' sena mindu ġie intavolut ir-rikors *de quo* li wassal għal din id-deċiżjoni tal-llum.

F'kull każ, tibqa wkoll il-proviżjoni tas-subinċiż tnejn (2) tal-Artikolu 818 li, kif suċċitat, jipprovdi li *ma tista' tintalab f'ebda każ ritrattazzjoni wara li jgħaddu ħames snin minn meta tkun ingħatat l-ewwel sentenza.*

Inkontestat il-fatt li d-deċiżjoni ta' separazzjoni personali li ngħatat bejn l-attriċi u d-defunt żewġha Joseph Dingli ingħatat fil-11 ta' Jannar, 2006, kif jixhdu l-atti relattivi nfishom li ġew allegati ma' dawk ta' din id-deċiżjoni odjerna; u nkontestat ukoll il-fatt li din l-azzjoni *de quo* ġiet intavolata nhar is-7 ta' Ottubru, 2024;[26] huwa ċar li anke dan it-terminu preskrittiv li huwa perentorju ai termini tal-ewwel subinċiż tal-Artikolu 819 tal-Kap. 12 skada inutilment.

*Dwar ir-rimanenti eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti:*

L-eċċezzjonijiet preliminari ulterjuri sollevati mill-konvenuti jittrattaw ir-rekwiżiti sabiex tinġieb b'suċċess azzjoni ta' ritrattazzjoni.

Ir-rekwiżiti li l-konvenuti jgħidu li l-attriċi naqqset milli tissodisfa huma dawk esperiti fl-Artikoli 814, 815, u 816.

Tali artikoli jipprovdu għan-neċessita' li [**i**] t-talba għar-ritrattazzjoni ssir quddiem il-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata – Artikolu 814; [**ii**] t-talba għar-ritrattazzjoni, f'Qorti tal-ewwel grad, għandha ssir b'rikors ġuramentat, u quddiem il-Qorti fi grad ta' appell, b'rikors, u, flimkien mal-preżentata tar-rikors għandha tingħata l-garanzija għall-ispejjeż – Artikolu 815, u; [**iii**] fir-rikors ġuramentat jew le, l-attur għandu jsemmi wieħed wieħed il-kapi tas-sentenza li jkun irid jattakka, u r-raġunijiet għar-ritrattazzjoni fil-kliem li huma miġjuba fl-artikolu 811 – Artikolu 816.

Mingħajr biss ma' tidħol fil-mertu ta' kull waħda minn dawn ir-rekwiżiti, għajr li tgħid li dwar ir-rekwiżit tal-Artikolu 815 dwar il-garanzija għall-ispejjeż l-attriċi żvestit ruħha milli tressaq kwalunkwe' prova; huwa ċar li r-rikors ġuramentat tal-attriċi li wassal għal din id-deċiżjoni tal-llum ma'

[26] Ref.: timbru tar-reġistru tal-Qorti a fol 1 tal-proċess *de quo*.

jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dawn l-artikoli stante li tali rikors ma' sarx quddiem il-Qorti li tat is-sentenza mpunjata u anqas ma' jsemmi, wieħed wieħed, il-kapi tas-sentenza mpunjata u r-raġunijiet għar-ritrattazzjoni fil-kliem li huma miġjuba fl-artikolu 811.

L-istess rikors għandu għalhekk, kif sejjer, jitqies irritu u null.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenuti; tilqa' it-tieni (2), it-tielet (3), il-ħames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) il-eċċezzjoni tagħhom filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' (4) eċċezzjoni stante nuqqas ta' provi dwar il-garanzija rikjesta ai termini tal-Artikolu 815 tal-Kap. 12, Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż ta din il-kawża a karigu tal-attriċi.

(ft) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft) Jenna Mizzi

D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur